**Bibien magħluqa**

Inħabbat inħabbat
U ma jiftaħli ħadd,
Kif għabet il-ħniena
Emmnuni nħossni mradt.

Ma nafhiex hekk Malta
Magħrufa b'ħanina,
Imm'issa qalbha xrafet
Kulħadd jidħak bina.

Gzuz nies imħollija
Ghal riħom, waħedhom,
Imbagħad tina npaċpcu
Għal dak li jkun ġralhom.

Minflok ma lkoll ngħidu
Kien wisq it-tort tagħna,
Talbuna l-għajnuna
Tlaqniehom, mhux magħna.

Hekk nissuktaw negħrqu
Paci ma jkollna qatt,
'nwarrbu l'min hu waħdu
Qed noqtlu lil kulħadd.

Ejjew nerggħu lura
Għax darba hekk konna,
Nilqgħu 'l kull persuna
Imbierka mill-Madonna.

B'hekk nistgħu immutu
F'dak 'l-wisq imbierek sliem,
Kristu f'min hu waħdu
Jtina ħajja bla tmiem.

Ejja o oħtna l-mewt
Hu int kemm tiflaħ nies,
Agħmilna familja
Fl-imħabba minghajr qjies.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen